MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Numru 1014/2006

**IL-PULZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**VINCENT MERCIECA**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Vincent Mercieca, ta' 44 sena, imwieled Haz-Zabbar, nhar it-12 ta' Frar, 1962, bin Carmelo u Giuseppa nee' Mifsud, residenti gewwa l-fond numru 13A, Triq San Gorg, Gzira, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 416461(M);

Akkuzat talli:

1. Nhar is-17 ta' Settembru, 2006 ghall-habta tal-10.15am, gewwa Triq Santa Marija, Had-Dingli ikkaguna hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni

JBF 943, tal-ghamla Subaru ghad-dannu ta’ Mary Farrugia minn Birkirkara, u dan ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli nhar is-17 ta’ Settembru, gewwa l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat, ghall-habta ta’ 12.45pm, hebb ghal Mary Farrugia sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi gewwa l-Gzejjer Maltin hedded lill-istess Mary Farrugia bi kliem u dan ai termini tal-Artikolu 18 u 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli bejn il-perjodu tat-28 ta’ Frar, 2006 sal-lum, gewwa diversi bnadi fil-Gzejjer ta’ Malta, f’diversi hinijiet differenti b’risoluzzjoni wahda, uza vjolenza sabiex igieghel lil Mary Farrugia taghmel, jew thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga, u dan ai termimi tal-Artikolu 18 u 251 u 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fejn il-perjodu tat-28 ta’ Frar, 2006 sal-lum, gewwa diversi bnadi fil-Gzejjer ta’ Malta, f’diversi hinijiet differenti b’risoluzzjoni wahda uza imgieba li tikkaguna lil Mary Farrugia u familjari taghha jibzghu li ser tintuza vjolenza kontriehom, jew kontra l-proprjeta’ taghhom, jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ taghhom, jew kontra xi axxendent jew dixxendent taghhom, u dan ai termini tal-Artikoli 18 u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U aktar talli bejn il-perjodu tat-28 ta’ Frar, 2006 sal-lum, f’diversi bnadi ta’ Malta, hedded lill-istess Mary Farrugia bi kliem, u dan ai termini tal-Artikoli 18 u 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli nhar is-17 ta’ Settembru, 2006 ghall-habta ta’ 12.45pm gewwa l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-

pulizija, u dan ai termini tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. U aktar talli nhar is-17 ta’ Settembru, 2006, ghall-habta ta’ 12.45pm kiser il-bon ordni u l-paci pubblkka gewwa l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat, u dan ai termini tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. U aktar talli nhar is-17 ta’ Settembru, 2006 ghall-habta ta’ 12.45pm, harab mill-kustodju tal-pulizija waqt li kien mizmum gewwa Triq Santa Rita, Rabat, Malta, u dan ai termini tal-Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

10. U aktar talli fl-istess hin, taht l-istess cirkostanzi qal kliem faxhi li jikkonsisti f’dagha, u dan ai termini tal-Artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

11. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, gewwa Triq Santa Rita, Rabat, Malta, ittanta li jikkawza hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Subaru, bin-numru tar-registrazzjoni DAS 595 ghad-dannu ta’ Carmel Farrugia, minn Had-Dingli, u dan ai termini tal-Artikoli 41 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-lum, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikoli 18, 339 (d), 481 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 251 u 251 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

L-Artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 41 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkundisdrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputati hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
*Inoltre* tordna il-hrug ta' garanzija favur il-*parti civile,* u cioe' Mary Farrugia, *ai termini* tal-Artikolu 383, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu ta' sena (1), taht penali ta' mitt lira maltin (Lm100.00);
Din il-Qorti tordna wkoll lill-istess Vincent Mercieca ihallas is-somma ta' elf u mitt lira maltin (Lm1,100.00) fi zmien sitt (6) xhur lil Mary Farrugia bhala danni sofferta minnha stess, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------